IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.8.2020
COM(2020) 437 final

2020/0209 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2021 sal-2027

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-Regolament tal-Kunsill 1412/2013[1] jipprevedi l-kwoti tariffarji awtonomi (dazju ta' 0 %) għal 30 000 tunnellata ta' importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji għall-perjodu 2014-2020. Il-miżuri huma ġġustifikati għaliex is-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali tal-Gżejjer Kanarji fir-rigward tas-sorsi tal-provvista tal-prodotti tas-sajd, li huma essenzjali għall-konsum domestiku, tiġġenera spejjeż li huma piż kbir għal dan is-settur.

Din is-sitwazzjoni mhijiex ġdida. Qabel ma Spanja ssieħbet mal-UE, il-Gżejjer Kanarji gawdew minn reġim "bla dazju" għall-oġġetti li jidħlu fir-reġjun. Wara li Spanja saret membru tal-UE, il-prodotti tas-sajd importati fil-Gżejjer Kanarji bbenefikaw minn reġimi speċifiċi fl-għamla ta' sospensjonijiet tariffarji sal-2001. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Gżejjer Kanarji bbenefikaw minn kwoti tariffarji.

Il-kwoti tariffarji attwali se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2020. Għall-perjodu wara l-2020, ir-Regolament 1412/2013 jeħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-impatt tal-miżuri u, abbażi tas-sejbiet tagħha, tippreżenta kwalunkwe proposta rilevanti għall-perjodu wara l-31 ta' Diċembru 2020.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-Gżejjer Kanarji u reġjuni ultraperiferiċi oħra jibbenefikaw minn diversi miżuri simili (tnaqqis tariffarju awtonomu). Pereżempju, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1386/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 jipprevedi miżuri simili għall-importazzjonijiet ta' prodotti industrijali fil-Gżejjer Kanarji.

Qabel ma Spanja ssieħbet mal-UE, il-Gżejjer Kanarji gawdew minn reġim "bla dazju" għall-oġġetti li jidħlu fir-reġjun. Wara li Spanja saret membru tal-UE, il-prodotti tas-sajd importati fil-Gżejjer Kanarji bbenefikaw minn reġimi speċifiċi fl-għamla ta' sospensjonijiet tariffarji sal-2001. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-Gżejjer Kanarji bbenefikaw minn kwoti tariffarji. Dan ir-regolament huwa kontinwazzjoni ta' dawk il-miżuri.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

Mhux Applikabbli

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-Unjoni Ewropea terfa' r-responsabbiltà għad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni waħedha. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax għal din il-proposta.

[1] Ara l-Anness 1: Ir-Regolament tal-Kunsill 1412/2013 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2014 sal-2020

- **Proporzjonalità**

L-għażla tal-politika hija proporzjonata minħabba li huwa awtorizzat volum limitat biss, skont ir-rata tal-użu.

- **Għażla tal-istrument**

Mhux Applikabbli

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux Applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ġew ikkonsultati l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha permezz tal-Kunsill Konsultattiv għas-Swieq u l-Kunsill Konsultattiv għar-Reġjuni Ultraperiferiċi. Dan tal-aħħar talab lill-Kummissjoni biex tivvaluta mill-ġdid il-konklużjonijiet fid-dawl tat-tnaqqis fit-turiżmu fil-Gżejjer Kanarji minħabba l-pandemija tal-COVID. Madankollu, huwa diffiċli ħafna li jiġu vvalutati l-konsegwenzi għal perjodu ta' seba' snin, u t-tneħħija jew it-tnaqqis tal-kwoti jistgħu jxekklu l-irkupru ekonomiku potenzjali matul dawk is-seba' snin. Għalhekk, il-Kummissjoni tipproponi li testendi l-miżuri kif ippjanati.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Biex teżamina l-impatti tal-miżuri kif meħtieġ mir-Regolament, il-Kummissjoni talbet l-informazzjoni neċessarja mingħand l-awtoritajiet Spanjoli. L-awtoritajiet Spanjoli pprovdew *data* dwar il-prodotti kkonċernati li kienu ġew importati fil-Gżejjer Kanarji u ma' dik id-*data* inkludew analiżi ta' dawk il-prodotti.

Rapporti oħra jipprovdu informazzjoni rilevanti dwar il-Gżejjer Kanarji f'oqsma li huma ta' rilevanza meta jiġu eżaminati l-impatti tal-kwoti tariffarji, b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-2017[2] u r-rapport "Realising the potential of the Outermost Regions for sustainable blue growth"[3].

Inġabret ukoll informazzjoni għal suġġetti speċifiċi, bħal pereżempju l-impjiegi (ISTAC – L-Istitut tal-Istatistika tal-Gżejjer Kanarji), it-turiżmu (l-istatistika uffiċjali dwar it-turiżmu fil-Gżejjer Kanarji) u l-konsum (l-Ewrobarometru).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt. Il-proposta ġġedded l-att legali attwali li jiskadi fi tmiem l-2020. Valutazzjoni tal-impatt mhix ġustifikata minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat ħafna tal-miżuri u minħabba l-fatt li l-proposta tikkonċerna l-estensjoni tat-tali miżuri u li m'hemm l-ebda tibdil sinifikanti fir-rigward tal-effetti mistennija.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux Applikabbli

---

[2] COM(2017) 623 final: "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE"

[3] https://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/reports/2017/realising-the-potential-of-the-outermost-regions-for-sustainable-blue-growth

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux Applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda impatt baġitarju għall-Kummissjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Mhux Applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-Direttivi)**

Mhux Applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux Applikabbli

2020/0209 (CNS)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2021 sal-2027

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 349 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Is-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali tal-Gżejjer Kanarji rigward is-sorsi tal-provvista ta' ċerti prodotti tas-sajd li huma essenzjali għall-konsum domestiku tinvolvi spejjeż addizzjonali għal dan is-settur. Dan it-tfixkil naturali, kif rikonoxxut fl-Artikolu 349 tat-Trattat, li jirriżulta mill-insularità, il-bogħod u l-pożizzjoni ultraperifika jista' jiġi indirizzat, fost l-oħrajn, billi jiġu sospiżi temporanjament id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti inkwistjoni minn pajjiżi terzi fi ħdan il-kwoti tariffarji tal-Unjoni ta' volum xieraq.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1412/2013[1] fetaħ u ppreveda l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

(3) F'Lulju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat eżami tal-impatt tal-miżuri lill-Kunsill, fejn ipprovdiet għażliet għall-perjodu wara l-31 ta' Diċembru 2020.

(4) L-eżami wera li r-rata tal-użu taż-żewġ kwoti 09.2997 u 09.2651 kienet sinifikanti. Taħt il-kwota 09.2651, il-kodiċi NM 0308 ma ntużax.

(5) Kwoti tariffarji simili għal dawk miftuħa bir-Regolament (UE) Nru 1412/2013 għal ċerti prodotti tas-sajd huma ġġustifikati peress li jkopru l-ħtiġijiet tas-suq domestiku tal-Gżejjer Kanarji, filwaqt li jiżguraw li l-flussi tal-importazzjonijiet bla dazju fl-Unjoni jibqgħu prevedibbli u identifikabbli b'mod ċar.

(6) Għalhekk, bl-għan li l-operaturi ekonomiċi jingħataw perspettiva fit-tul biex jilħqu livell ta' attività li jistabbilizza l-ambjent ekonomiku u soċjali tal-Gżejjer Kanarji,

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1412/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jiftaħ u jipprevedi l-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd fil-Gżejjer Kanarji mill-2014 sal-2020 (ĠU L 353, 28.12.2013, p. 1.).

jixraq li r-reġim tal-kwoti tariffarji awtonomi tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni għal ċerti prodotti elenkati fl-Anness għal dan ir-Regolament, jiġi estiż għal perjodu addizzjonali.

(7) Sabiex jiġi evitat li tiġi pperikolata l-integrità u l-koerenza tas-suq intern, jenħtieġ li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-prodotti tas-sajd li għalihom tingħata sospensjoni jkunu maħsuba biss għas-suq domestiku tal-Gżejjer Kanarji.

(8) Jenħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-Kummissjoni tinżamm infurmata regolarment bil-volum tal-importazzjonijiet inkwistjoni sabiex, jekk ikun meħtieġ, tkun tista' tieħu passi biex tipprevjeni kwalunkwe moviment spekulattiv jew devjazzjoni tal-kummerċ.

(9) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni li jippermettu lill-Kummissjoni tirtira temporanjament is-sospensjoni fil-każ ta' devjazzjoni tal-kummerċ. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Madankollu d-deċiżjoni aħħarija dwar jekk is-sospensjoni jenħtieġx li tinżamm jew tiġi rtirata definittivament, jenħtieġ li tittieħed mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat waqt il-perjodu ta' żmien li fih is-sospensjoni hija temporanjament irtirata mill-Kummissjoni.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżguraw il-kontinwità wara li jiskadi r-Regolament (KE) Nru 1412/2013. Għalhekk, jixraq li jiġu applikati l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027, id-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni applikabbli għall-importazzjonijiet fil-Gżejjer Kanarji tal-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu sospiżi kompletament għall-kwantitajiet indikati f'dak l-Anness.

2. Is-sospensjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata esklussivament għall-prodotti maħsuba għas-suq domestiku tal-Gżejjer Kanarji. Din għandha tapplika biss għall-prodotti tas-sajd li jinħattu minn bastiment jew inġenju tal-ajru qabel ma d-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni libera tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali fil-Gżejjer Kanarji.

Artikolu 2

Il-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu ġestiti f'konformità mal-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447[3].

---

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).

Artikolu 3

Sat-30 ta' Ġunju 2026, l-awtoritajiet kompetenti Spanjoli għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti fl-Artikolu 1. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-impatt ta' dawk il-miżuri u, filwaqt li tqis is-sejbiet tagħha, tippreżenta kwalunkwe proposta relevanti għall-perjodu wara l-2027.

Artikolu 4

1. Meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet biex temmen li s-sospensjonjiet stabbiliti f'dan ir-Regolament wasslu għal devjazzjoni tal-kummerċ ta' prodott speċifiku, hija tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni, li jirtiraw is-sospensjoni temporanjament għal perjodu mhux itwal minn 12-il xahar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 5(2).

   Il-ħlas tad-dazji tal-importazzjoni għall-prodotti li għalihom is-sospensjoni tkun ġiet irtirata temporanjament, għandhom ikunu koperti b'garanzija, u r-rilaxx tal-prodotti kkonċernati għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Gżejjer Kanarji għandu jkun bil-kundizzjoni li tingħata din il-garanzija.

2. Fil-perjodu massimu ta' 12-il xahar imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 349 tat-Trattat, għandu jadotta deċiżjoni aħħarija dwar jekk iżommx jew jirtirax definittivament is-sospensjoni. Jekk is-sospensjoni tiġi rtirata definittivament, l-ammonti tad-dazji koperti b'garanziji għandhom jingħabru definittivament.

3. Jekk ma tiġi adottata l-ebda deċiżjoni definittiva fil-perjodu massimu ta' 12-il xahar f'konformità mal-paragrafu 2, il-garanziji ta' kopertura għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 5

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, stabbilit permezz tal-Artikolu 285 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 6

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw il-ġestjoni u l-kontroll xierqa tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027.

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President